

Brussell, 3 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16222/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0334 (NLE)**

**CLIMA 573
ENV 1313
ENER 641
TRANS 618
ECOFIN 1658
COMPET 1272
IND 561
MI 988
AELE 111
CH 63**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	15625/25 + ADD 1
Nru dok. Cion:	14801/25 + ADD 1
Suġġett:	Abbozz għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I tal-Ftehim - Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/2240 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ("il-Ftehim")¹. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017.
2. Il-Ftehim ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

¹ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1.

² ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1.

3. L-Artikolu 12 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt, li huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet. F'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.
4. Fil-31 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, fir-rigward tal-emendar tal-Anness I tal-Ftehim.³
5. L-għan tad-Deċiżjoni proposta huwa li tallinja l-kriterji essenzjali li huma stabbiliti fl-Anness I tal-Ftehim mal-leġiżlazzjoni aġġornata kemm fl-UE kif ukoll fil-Konfederazzjoni Żvizzera.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent qabel dwar it-test tal-proposta tal-Kummissjoni fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Novembru 2025.
7. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Anness I tal-Ftehim⁴.
8. It-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ser jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

³ 14801/25 + ADD 1

⁴ 15625/25 + ADD 1.